MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru. 142/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**CHARLES AZZOPARDI bin Carmel u Mary nee' Xerri, imwieled fit-tnax ta' Jannar 1984 u residenti "God Save Australia" Triq Masri, Xaghra, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita' numru 8184G.**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **CHARLES AZZOPARDI** bin Carmel u Mary nee' Xerri, imwieled fit-tnax ta' Jannar 1984 u residenti "God Save Australia" Triq Masri, Xaghra, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita' numru 8184G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-hmistax [15] ta'

Gunju, 2005 ghal habta tal-hdax ta’ filghodu [11:00 am] fi Triq Fortunato Mizzi Victoria;

1. Saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FGD 114 b’manjiera perikoluza u traskurata;

2. Talli nvolontarjament ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBD 364 proprjeta’ ta’ Joseph Galea minn Victoria;

3. Talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, kkaguna ferita ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Joseph Galea detentur ta’ karta tal-identita numru 55842G minn Victoria skond kif iccertifikat Doctor Marlene Attard MD tal-isptar Generali t’Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ Doctor Marlene Attard.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Joseph Galea, lil Enzo Galea, lil PS 261 Raymond Caruana u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Semghet lil partjiiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta’ Lulju 2006 u jiddikjaraw li jaqblu li l-feriti in kwistjoni huma ta’ natura gravi per durata.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-incident in dezamina sehh minhabba traskuragni jew perikolozita da parti tal-imputat.

Ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 u l-artikolu 226 u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputat CHARLES AZZOPARDI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------